MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 144/2003/1

**Arken Limited, Jcon Limited**
**u Dr. Godwin Muscat Azzopardi**

**vs**

**Saviour Psaila u b' digriet tal-11 ta' Novembru 2004 l-atti huma trasfuzi f' isem Grace u Teresa ahwa Psaila**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jizgombra u jivvaka mill-istruttura denominata "beach post" li tinsab fl-art maghrufa bhala ta' Zelaida fil-kontrada taz-Zonqor, limiti ta'

Marsascala, proprjeta tal-atturi, mill-konvenut okkupata minghajr titolu validu fil-ligi u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datat 20 ta' Ottubru 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghal fini ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, il-valur lokatizju ma jeccedix l-hamest elef Lira Maltin (Lm5000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jaghtu prova tal-allegat titolu fuq il-'beach post' li tinsab fl-art maghrufa bhala ta' Zelaida fil-kontrada taz-Zonqor limiti ta' Marsascala.
2. Illi minghajr pregiudizzju ghas-suespost l-esponent ilu jokkupa l-"beach post" minghajr xkiel ta' xejn ghal fuq minn tletin (30) sena, biex se mai tapplika l-ligi ta' preskrizzjoni.
3. Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet hawn fuq imsemmi moghti fil-11 ta' Novembru 2004.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-prova rikjesta mill-konvenuti dwar it-titolu tal-atturi u kif risultanti mill-ewwel eccezzjoni, hu sufficjenti li wiehed jara l-'affidavits' ta' Felic Abela (fol 14 ibid) tal-Avukat Dottor Godwin Muscat Azzopardi (fol 15 ibid) ta' Kenneth Abela (fol 16 ibid) u ta' Vincent Attard (fol 13 ibid) minn fejn jirrisulta it-titolu li bih l-atturi jiddetjenu l-istess

art msemmija fl-avviz u li fuqha hi sitwata l-"beach post" in kwistjoni. Dan, ukoll, jirrisulta mid-dokumenti esebiti, mill-atturi permezz ta' nota a fol 20 et seq ibid konsistenti f'att pubbliku ta' xiri 'in atti' tan-Nutar Pierre Cassar u pubikat fid-19 ta' Lulju 1989, "affidavit" ta' Mario Farrugia (fol 23 ibid) li esebixxa fotokopja ta' ftehim mal-Forzi Armati Inglizi esebit bhala kampjun u kopja bi pjanta tal-liberazzjoni tal-istess art b'referenza ghas-subasta ossija licitazzjoni msemmija fl-affidavit ta' Vincent Attard (ara "supra") u dan favur is-socjetajiet attrici. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi skartata.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, il-konvenuti jikkontendu li huma akkwistaw il-post in kwistjoni bl-operat tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili li jghid "All actions whether real, personal, or mixed, are banned by the lapse of thirty years and no opposition to the benefit of limitation may be made on the ground of the absence of title or good faith".

Illi l-konvenut, illum mejjet, jikkontendi illi hu ilu jokkupa dan il-post minghajr xkiel ta' xejn ghal aktar minn tletin sena' u b'hekk tapplika l-ligi ta' preskrizzjoni. Dwar din l-eccezzjoni jkun opportun illi l-ewwel issir referenza ghall-provi kif prodotti mill-partijiet.

Illi da parti tal-konvenuti, dawn ippresentaw erba' 'affidavits' kif ser jinghad:-

a) Tereza Psaila (fol 42 ibid) oht il-konvenut originali, ormai mejjet, sostniet illi din l-kamra "… ilha fil-pussess taghna ghal fuq minn 55 sena" u "… kemm ili hajja dejjem nafna f'din il-kamra". "Difatti (hija) kien jiehu pjacir iqatta siegha hemm specjalment fil-'weekends' fejn anke kien jorqod hemm jekk hass il-htiega". L-istess huwa "… kien ihobb is-sajd u l-kacca" kif ukoll, ta' spiss, kien

jorganizza ikliet hemmhekk fejn kien ikun hemm ta' spiss gajj biex iqattghu siegha hemm u jiehdu pjacir bix-xejn "inklus l-istess Felic Abela, deskritt mix-xhud bhala 'l-percimes" f'dan il-kaz kif ukoll hi u ohtha. Hi kompliet tghid illi huwa qatt ma kien ircieva xi att gudizzjarju matul iz-zmien kollu qabel il-proceduri odjerni. Hi ddeskriviet din il-kamra bhala il-"hobby" ta' huwa u fiha kien jzomm oggetti li kien jinteressawh. Inoltre u kemm il-darba, huwa kien jaghti l-muftieh lil nies li kien jaf u li xtaqu jghaddu xi gurnata fl-istess post. In kontroesami (fol 57 ibid) hi stqarret illi "Hija dahal go fiha u qatt ma kelmu hadd dwar dan" u "xi forma ta' kitba dwar din il-kamra, nghid illi ma ghandniex". Inoltre "Meta ghamilna l-"causa mortis, fil-fatt din il-kamra ma nizzilnihiex ma l-assi ta' hija".

b) Lawrence Buhagiar (fol 46 ibid) semma illi l–konvenut originali kien imlaqqam il-Gilli u iddeskriva lilu nnifsu bhala habib kbir tad-'decuius' oltre bhala kugin tieghu u kien fost dawk in-nies li kienu jiltaqghu fl-istess kawza fosthom Felic Abela u hut dan sabiex "niehdu pjacir fix-xejn u bix-xejn". Hu sostna li din il-kawza kienet fil-pussess kontinwu u minghajr interruzzjoni f'idejn id-'decujus' minghajr ma irceva xi intimazzjoni minn xi hadd qabel il-kawza odjerna (ara ukoll l-'affidavit' l-istess fis-sustanza bhal dawk precedenti ta' Grezzju Caruana a fol 49 ibid u dak ta' Lawrence Vella (fol 51 ibid) l-istess Lawrence Buhagiar (fol 60 u fol 69 et seq ibid) in kontroesami, sema' li madwar il-kamra tal-Gilli "hemm biss gebel u blat u ma jinhadimx". Jigi notat illi l-imsemmi Lawrence Vella in kontro esami, sema' li fl-1951 'Salvu sabha (l-istess kamra) miftuha u dahal hemmhekk". L-istess 'decuius' "… ma kien ihallas lil hadd" u kienet thalliet miftuha mis-servizzi.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi, da parti taghhom, issottomettew ukoll xhieda bil-procedura ta' "affidavit" kif ser jinghad:-

a) <u>Felic Abela</u> (fol 14 ibid) xehed illi kien jaf li din tintuza minn bosta nies u difatti hu kien jonsob u jmur ghal kacca fiha minn mindu kien zghir.
b) L-attur, <u>Dottor Godwin Muscat Azzopardi</u> (fol 5 ibid) spjega li hu minn Wied il-Ghajn u meta kien zghir kien jistad ma ohrjan fl-akkwati tal-istess kamra izda "qatt ma rajt (il-kamra) miftuha jew uzata".
c) <u>Kenneth Abela</u> (fol 16 ibid) xehed, ukoll li jaf l-istess kamra bhala "maghluqa" u difatti hu xtaq li "jirristawraha" u ghalhekk kien tkellem ma Mario Farrugia tal-"Fondazzjoni Wirt Artna" kif filfatt ghamel. Inoltre kien tkellem ma "Psaila" presumibilment il-konvenut mejjet u dan kien qallu "li mhux problema jaghtina c-cavetta" izda meta kien mar ma Mario Farrugia ghac-cavetta, l-istess Salvatore Psaila beda jghajjat u li hemm ahna ma ghandha ebda dritt jew pussess".
d) <u>Mario Farrugia</u> (fol 23 ibid) oltre li esebixxa d-dokument gia msemmi a fol 24 ibid, spjega li kien qed jghin lil Kenneth Abela fir-restawr ta' diversi "beach ports" fl-inhawi. Hu semma illi, sabiex jottjeni c-cavetta ghal dik in kwistjoni kien mar ghand il-konvenut izda dan beda jghajjat u jghid "… li hemm kien tal-Gvern". Difatti kien irrisultalu minn ricerki li l-istess kamra kienet inbniet mis-servizzi Inglizi ghall-iskop ta' difisa waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Hu qal ukoll illi kien sab "tip ta' kuntratt" bhal dak esebit minnu u li l-istess kmamar kienu nghataw lura lil Maltin fil-1965.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzat l-provi, in rigward <u>it-tieni eccezzjoni</u> din il-Qorti irreferiet principalment ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet "It-Tabib Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut u l-gurisprudenza hawn citata) kif ukoll

ghall-artikolu 2143, gja citat 2107(1) abbinat mal-artikolu 2118 u 2121(1), u 561 kollha tal-Kodici Civili.

Illi l-artikolu 2143, li fuqu hi bazata l-eccezzjoni in esami, kif di gja inghad, jghid “L-azzjonijiet kollha reali personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena’ u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista ssir minhabba nuqqas ta’ titolu jew ta’ bona fidi”. Difatti l-preskrizzjoni, kif jghd l-artikolu 2107(1) hi mod ta’ akkwist ta’ jedd b’pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghal zmien li tghid il-ligi waqt li l-artikolu 2118 jirreferi ghal possessuri f’isem haddiehor bhal ma kuma kerrejja, depositarji, uzufruttwarji u, generalment dawk li ma jzommux l-haga bhala taghhom infushom u dawn ma jistghux jippreskrivu favur taghhom. Izda l-artikoli 2121(1) jghid ukoll illi hadd ma jista’ jippreskrivi kontra t-titolu tieghu nnifsu fis-sens li dan ma jistax jbiddel ghalih iniffsu r-raguni li ghaliha jkun zamm il-haga. Fl-ahharnett, l-artikolu 561 jaghti definizzjoni ta’ okkupazzjoni bhala l-att li bih wiehed jiehu l-pussess ta’ haga kaporali li mhux il-propjeta, waqt li tista' tkun, ta’ xi hadd bil-hsieb li jaghmilha tieghu.

Ikkunsidrat

In rigward il-premess, jidher li f’dan il-kaz, il-konvenut u l-aventi kawza tieghu qed jippretendu li, fil-konfront taghhom tappika l-‘usucapioris” ta’ tletin sena’. Dwar dan irid jirrisulta illi l-pussess tal-haga ghandu jkun legittimu ossija kontinwu, pacifiku, publiku u mhux ekwivoku. Dwar pussess, jidher li hemm zewg elementi kostituttivi cjoe dak materjali, il-poter ta’ fatt fuq il-haga u dak intenzjonali ossija l-animo tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq l-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha. Pero mhux sufficjenti li wiehed merament jiddetjeni l-istess haga jew it-tgawdija taghha in vista li hemmhekk tista tkun detenzjoni jew

tgawdija prekarja. Inoltre sabiex pussess jista' jkun legittimu jrid ikun hemm it-tgawdija ta' jedd li wiehed izomm jew jesecita bhala tieghu nnifsu cioe esercizzju ta' jedd assolut u esklusiv u mhux bizzejjed li jkun esecizzju fil-bonagrazzja jew tolleranza. Difatti atti ta' tolleranza ma humiex validi bhala bazi ta' pussess anke jekk esercitati minn zmien antikissimu. Difatti pussess prekarju jibdqa tali sakemm ma jigix pruvat l-"interversjoni tat-titolu tieghu". Inoltre sabiex "….ikun hemm intervessjoni tat-titolu tal-pussess u wiehed jibqa jipprosjedi "animo dominu" mhux bizzejjed l-affermazzjoni tad-drittijiet tieghu ta' proprjetarju imma hemm bzonn li tkun rikonoxxuta mill-interessati".

Ikkunsidrat

Illi mill-fatti in desamina, jidher li l-konvenut u issa l-eventi kawza tieghu jippretendu li akkwistaw il-kamra in kwistjoni a basi tal-aritkolu 2143 imsemmi.

Illi, dwar l-azzjoni, jrid jigi premess illi, kif proposta, din ma hiex 'actio reinvendicatoria" li tinvolvi drittijiet ta' propjeta immobbli ghax, caso mai, din il-Qorti kienet tkun inkompetenti "ratione materiae" (ara l-artikolu 47(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi pero', f'dan il-kaz, kif jidher minn dak premess, il-Qorti hi ukoll mitluba sabiex tiddeciedi l-eccezzjoni in esami basata fuq l-artikoli hawn fuq citata u ghalhekk tinvolvi, fil-qasir, decizjoni dwar jekk il-konvenut, u l-aventi kawza tieghu, akkwistawx id-dritt ta' proprjeta fuq l-istess kamra bl-operat tal-istess artikolu l-punti legali kollha kif hawn fuq enunzjati. Ma hemm ebda dubbju illi jekk din il-Qorti tiddeciedi dan il-punt, tkun qed tinvolvi ruhha f'fatti u punti legali, li huma ta' natura reali u mhux strettament personali u tkun qed tmur kontra l-artikolu 47(3) imsemmi li jghid illi

> “kawza li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta’ beni immobbli … jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli … ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).
>
> Illi hu minnu ukoll, illi l-konvenuti ma issottomettew specifikatament eccezzjoni dwar l-inkompetenza “ratione materiae”. Pero xorta wahda dan il-punt gie konsiderat minhabba dak li hu involut fl-istess eccezzjoni cjoe’ decisjoni dwar jekk il-konvenuti akkwistaw dritt reali fuq il-kawza in kwistjoni permezz ta’ preskrizzjoni akkwisittiva bit-trapass ta’ tletin sena kif hawn fuq spjegat.
>
> Illi, ghalhekk, din il-Qorti, minhabba ir-ragunijiet premessi ser tiddikjara lilha innifisha inkompetenti minhabba dak kollu li jkun involut sabiex tiddeciedi l-eccezzjoni indikati bl-ittra b.
>
> Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara ruhha inkompetenti “ratione materiae” u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-kaz. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

L-atturi ma jaqblux ma’ din is-sentenza u, b’ mod generali, jissottomettu illi fuq il-bazi tal-provi prodotti u minn kif koncepita t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, l-ewwel Qorti kien messha ddecediet il-kawza fil-mertu u mhux tillimita ruhha ghal dik l-eccezzjoni. Huma jissottomettu, inoltre, illi maghmula minnhom il-prova tat-titolu taghhom, l-ewwel Qorti kellha twaqqaf il-proceduri quddiemha ghal fatt ta’ l-eccezzjoni mqanqla u timponi terminu lill-konvenut biex dan jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti ghall-verifika tat-titolu minnu vantat. Jikkontendu wkoll, illi la l-konvenut ma talabx hu stess lill-Qorti biex taghtih l-opportunita` jadixxi lill-Qorti kompetenti ghal dik il-fini hu gie li rrinunzja ghal dik id-difiza tieghu kostitwita b’ dik l-eccezzjoni u, allura, l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghal dik il-konkluzjoni taghha;

Esposti dawn l-obbjezzjonijiet, jirrizulta kjarament mit-talba promotrici ta' l-atturi illi dawn kienu qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond minhabba okkupazzjoni minnu bla titolu validu fil-ligi. Ghal din it-talba l-konvenut oppona li l-atturi kellhom jaghtu prova ta' l-allegat titolu taghhom u li hu nnifsu kien qed jokkupa l-istess fond minghajr xkiel ghal zmien ta' 'l fuq minn tletin sena. L-ewwel Qorti, sodisfatta mill-provi, sew testimonjali u dokumentali, illi l-atturi kellhom it-titolu li dwaru l-konvenut ippretenda dimostrazzjoni probatorja tieghu, ghaddiet biex tinvesti l-eccezzjoni ta' l-akkwist tal-fond bil-preskrizzjoni trigenarja, vantata mill-konvenut, u *ex officio* issollevat l-inkompetenza taghha;

Jibda biex jigi kummentat bi preliminari illi, qajla, jista' jkun dubitat illi l-kompetenza ma tiddipendix biss mit-termini tat-talba attrici imma wkoll, fejn ikun il-kaz, minn dik ta' l-eccezzjoni moghtija. Jista' jigri, allura, illi ghalkemm l-azzjoni inizzjalment tkun ta' kompetenza ta' qorti inferjuri, din tigi ezawtorata *ope exceptionis*. Ara "**Margherita Rizzo -vs- Edgar Zahra**", Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 1953;

Fil-kaz prezenti l-konvenut ikkampa titolu ghalih innifsu bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena u tali japporta ruhu ghal dak ta' l-ezami ta' dan it-titolu ta' proprjeta` bl-uzukapjoni fit-termini ta' dawk ir-rekwiziti minimi skematici dettati fl-artikolu korrispondenti taht il-Kodici Civili. Jemergi minn din ix-xorta ta' difiza illi l-kawza, kif issa impustata mill-konvenut tbiddlet minn dik li giebu 'l quddiem l-atturi u saret wahda ko-involgenti kwestjoni dwar il-proprjeta` ta' beni immobbli, jew li ghandha x' taqsam ma' dritt mghaqqad ma' beni immobbli [Artikolu 47 (3), Kapitolu 12] u dan jaghmilha tesorbita mill-kompetenza tal-qorti t' isfel. Ara f' sens konformi s-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Pio Abela -vs- Paolo Callus**", Appell Inferjuri, 15 ta' Frar, 1936 per l-Onor, Imhallef Professur Sir. A. Bartolo;

Sa hawn sewwa allura rragunat l-ewwel Qorti illi b' dik l-eccezzjoni ma kellhiex il-kompetenza li taddentra ruhha fi kwestjoni ta' proprjeta` in kwantu din kienet teccedi l-gurisdizzjoni limitata taghha. Dan setghet hekk tirragunah anke minghajr l-inizzjattiva tal-parti interessata in kwantu din is-setgha hi rikonoxxuta lilha bid-dispost ta' l-Artikolu 774 (b) tal-Kapitolu 12;

Fejn din il-Qorti jidhrilha li ma tistax taqbel jirrigwarda l-involviment izzejjed, anke jekk ta' indoli purament guridiku, tan-nozzjoni ta' l-akkwist tal-proprjeta` bil-preskrizzjoni akkwizittiva. Dan ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel Qorti kien messha arrestat il-pass taghha appena rrikonoxxiet illi dik l-eccezzjoni, anke jekk pjuttost vaga, kellha fiha dawk l-ingredjenti sufficjenti li jattiraw l-applikabilita` ta' l-Artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12. Hemm raguni ohra wkoll ghal dan. La l-konvenut appellat ghogbu jgib 'il quddiem titolu kuntrarju ghal dak ta' l-atturi kien dejjem jispetta lilu li jipprova, fis-sede proprja, l-ezistenza u l-legittimita` ta' dak it-titolu tieghu ghax huwa proprju hu li qed jivvantah permezz tas-sussidju tal-preskrizzjoni akkwizittiva;

Affermat dan, din il-Qorti ghaldaqstant lanqas ma ssib illi l-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata kellha tiehu l-izvolta fejn l-ewwel Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, attiza dik id-dikjarazzjoni taghha *ex officio* ta' l-inkompetenza *ratione materiae*. Invece, kien jinhass aktar konsiljabbli u opportun illi l-istess l-ewwel Qorti tissoprassjedi u taghti zmien perentorju lill-konvenut biex dan jipprova t-titolu vantat minnu b' azzjoni *ad hoc* quddiem il-qorti kompetenti. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Emanuel Lawrence Vella *nomine* -vs- Bernardina armla ta' Joseph D'Amato**", Appell Inferjuri, 28 ta' Ottubru, 1994 per Imhallef Joseph Said Pullicino, f' liema, incidentalment ukoll, kienet tqajmet mill-konvenuta l-preskrizzjoni akkwizittiva. Ikollu jinghad illi anke fil-kaz prezenti kien konsentit dan il-perkors. Dan ghar-raguni illi t-talba kif ifformulata, u una volta wkoll

ikkonfermat mill-ewwel Qorti t-titolu fl-atturi, kienet wahda ta’ natura personali li taghmilha dejjem ta’ kompetenza tal-Qorti adita.  Fic-cirkostanzi l-Qorti behsiebha tahseb ghal dan fil-parti decizorja ta’ din id-decizjoni;

Ragonevolment, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-proposizzjoni ta’ l-atturi appellanti illi la l-appellat ma ressaqx hu stess talba lill-ewwel Qorti biex taghtih l-opportunita` jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti hu gie li, b’ hekk, irrinunzja ghad-difiza tieghu.  Huwa bizzejjed pacifiku illi r-rinunzji huma *di stretto diritto* u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt.  (Ara fost ohrajn, “**Paul Abela *nomine* -vs- Paul Azzopardi**”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Mejju, 1952.)  Jikkonsegwi illi l-fatt li l-appellat ma ressaqx dik it-talba biex ikun awtorizzat jipposponi l-proceduri okkorrenti ma jikkostitwixxix element bastanti biex tigi prezunta rinunzja tacita ghal dak id-dritt tieghu.  Dan biex ma jinghadx ukoll illi hu dubitat kemm setghu l-appellanti jissollevaw ghall-ewwel darba f’ din is-sede kontestazzjoni bazata fuq dik id-deduzzjoni taghhom tar-rinunzja mill-kontro-parti meta din ma jirrizultax li tqajmet quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, tirrevoka l-konkluzjoni li biha l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, u, invece, tiddekreta s-soprassessjoni tal-kawza prezenti, u ghal dan il-fini tipprefiggi lill-konvenut appellat terminu ta’ xahar improrogabbli biex dan jipprocedi bl-appozita azzjoni ghall-verifika u decizjoni definittiva tat-tieni eccezzjoni tieghu.  L-atti qed jigu rimandati lura lill-ewwel Qorti biex il-kawza terga’ tiehu l-kors taghha malli jispicca l-motiv tas-soprassessjoni.  L-ispejjez kollha s’ issa inkorsi ghandhom jibqghu ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------